REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1061

tat-2 ta' Lulju 2015

dwar l-awtorizzazzjoni tal-aċidu askorbiku, tal-fosfat tal-askorbil tas-sodju, tal-fosfat tal-askorbil tal-kalċju u tas-sodju, tal-askorbat tas-sodju, tal-askorbat tal-kalċju u tal-palmitat tal-askorbil bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċi tal-annimali kollha

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u għar-raġunijiet u l-proċedura biex tingħata din l-awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament jipprevedi l-valutazzjoni mill-ġdid ta' addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]).

(2) L-aċidu askorbiku, il-fosfat tal-askorbil tas-sodju, il-fosfat tal-askorbil tal-kalċju u tas-sodju, l-askorbat tas-sodju, l-askorbat tal-kalċju u l-palmitat tal-askorbil kienu awtorizzati mingħajr limitu ta' żmien skont id-Direttiva 70/524/KEE bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċi tal-annimali kollha. Dawk il-prodotti mbagħad iddaħħlu fir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf bħala prodotti eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, u flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, tressqu żewġ applikazzjonijiet għall-valutazzjoni mill-ġdid tal-aċidu askorbiku, tal-fosfat tal-askorbil tas-sodju u tal-fosfat tal-askorbil tal-kalċju u tas-sodju bħala addittivi għall-ispeċijiet kollha tal-annimali u, f'konformità mal-Artikolu 7 tal-imsemmi Regolament, għal użu ġdid fl-ilma għax-xorb għall-aċidu askorbiku. L-applikanti talbu li dawn l-addittivi jiġu klassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi nutrizzjonali". Ma' dawk l-applikazzjonijiet intbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, ġiet ippreżentata applikazzjoni għal valutazzjoni mill-ġdid tal-aċidu askorbiku, tal-askorbat tas-sodju, tal-askorbat tal-kalċju u tal-palmitat tal-askorbil bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. L-applikanti talbu li dawn l-addittivi jiġu klassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi tekonoloġiċi". Ma' din l-applikazzjoni intbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Fl-opinjonijiet tagħha tat-30 ta' Jannar 2013 ([3]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li skont il-kundizzjonijiet proposti għall użu fl-għalf, l-aċidu askorbiku, il-fosfat tal-askorbil tas-sodju, il-fosfat tal-askorbil tal-kalċju u tas-sodju, l-askorbat tas-sodju, l-askorbat tal-kalċju u l-palmitat tal-askorbil ma jħallux effetti negattivi fuq is-saħħa tal-annimali u tal-bniedem jew fuq l-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-aċidu askorbiku, il-fosfat tal-askorbil tas-sodju u l-fosfat tal-askorbil tal-kalċju u tas-sodju huma meqjusa bħala sorsi effettivi tal-vitamina C u peress li l-aċidu askorbiku, l-askorbat tas-sodju, l-askorbat tal-kalċju u l-palmitat tal-askorbil huma awtorizzati għall-użu bħala antiossidanti fl-ikel u l-funzjoni tagħhom fl-għalf hija essenzjalment l-istess bħal dik fl-ikel, m'hemmx għalfejn prova ulterjuri tal-effikaċja tagħhom.

(6) L-Awtorità kkonkludiet ukoll li ma għandu jinqala' l-ebda tħassib dwar is-sikurezza għall-utenti. L-Awtorità tqis li ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara l-kummerċjalizzazzjoni. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittivi tal-għalf fl-għalf u fl-ilma għall-aċidu askorbiku li tressaq mil-Laboratorju ta' Referenza li twaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1).
([3]) *EFSA Journal* 2013; 11(2):3103 u *EFSA Journal* 2013; 11(2):3104.

(7) Il-valutazzjoni tal-aċidu askorbiku, il-fosfat tal-askorbil tas-sodju, il-fosfat tal-askorbil tal-kalċju u tas-sodju, l-askorbat tas-sodju, l-askorbat tal-kalċju u l-palmitat tal-askorbil turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ġew issodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' dawn is-sustanzi għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(8) Billi mhijiex meħtieġa l-applikazzjoni minnufih tal-emendi għall-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għal raġunijiet ta' sikurezza, jixraq li jingħata perjodu ta' tranżizzjoni biex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jitħejjew biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jinsabu fil-kategorija tal-addittivi "addittivi nutrizzjonali" u fil-grupp funzjonali "vitamini, provitamini u sustanzi definiti tajjeb kimikament li jkollhom effett simili", huma awtorizzati bħala addittivi fin-nutrizzjoni tal-annimali soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

2. Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jiffurmaw parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "antiossidanti", huma awtorizzati bħala addittivi fl-għalf tal-annimali, suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

1. Is-sustanzi speċifikati fl-Anness u t-taħlitiet lesti minn qabel li jkun fihom minn dawn is-sustanzi, li huma prodotti u ttikkettati qabel it-23 ta' Jannar 2016 skont ir-regoli applikabbli qabel it-23 ta' Lulju 2015 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanzi speċifikati fl-Anness u li huma prodotti u ttikkettati qabel it-23 ta' Lulju 2016 skont ir-regoli applikabbli qabel it-23 ta' Lulju 2015 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk dawn ikunu maħsubin għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

3. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanzi hekk kif speċifikat fl-Anness u li huma prodotti u ttikkettati qabel it-23 ta' Lulju 2017 skont ir-regoli applikabbli qabel it-23 ta' Lulju 2015 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk dawn ikunu maħsubin għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 % jew mg tas-sustanza attiva/l ta' ilma			
Kategorija tal-addittivi nutrizzjonali. Grupp funzjonali: vitamini, provitamini u sustanzi definiti tajjeb kimikament li jkollhom effett simili									
3a300	—	"Aċidu askorbiku" jew "Vitamina Ċ"	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Aċidu askorbiku. *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* aċidu L-askorbiku $C_6H_8O_6$ Nru tal-CAS: 50-81-7 aċidu L-askorbiku f'forma solida, manifatturat permezz ta' sinteżi kimika. Kriterji ta' purità: minimu ta' 99 % *Metodi analitiċi* [1] Għad-determinazzjoni tal-aċidu L-askorbiku fl-addittiv tal-għalf: titrimetrija — Il-monografija tal-Farmakopea Ewropea (Eur.Ph. 01/2011:0253). Għall-kwantifikazzjoni tal-aċidu L-askorbiku f'taħlitiet lesti minn qabel u fl-għalf: titrimetrija. Għall-kwantifikazzjoni tal-aċidu L-askorbiku fl-ilma: — Titrimetrija (AOAC 967.21); jew — Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja flimkien ma' individwatur tal-UV f'265 nm (EN 14130:2003)	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-aċidu askorbiku jista' jitqiegħed fis-suq u jintuża bħala addittiv magħmul minn preparazzjoni. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel, indika l-kundizzjonijiet tal-ħażna u tal-istabbiltà. 3. Għas-sigurtà: waqt il-manipulazzjoni għandhom jintlibsu protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sigurtà. 4. L-addittiv jista' jintuża fl-ilma għax-xorb.	it-23 ta' Lulju 2025

[1] Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fuq is-sit li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-Addittivi fl-Għalf: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports.

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf shiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija tal-addittivi nutrizzjonali. Grupp funzjonali: vitamini, provitamini u sustanzi definiti tajjeb kimikament li jkollhom effett simili.									
3a311		"Fosfat tal-askorbil tas-sodju" jew "Vitamina Ċ"	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Fosfat tal-askorbil tas-sodju. *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Fosfat tal-askorbil tas-sodju $C_6H_6O_9Na_3P \cdot 2H_2O$ Nru tal-CAS: 66170-10-3 Fosfat tal-askorbil tas-sodju, f'forma solida, manifatturat permezz ta' sinteżi kimika. Kriterji ta' purità: Minimu ta' 95 % b'kontenut minimu ta' 45 % ta' aċidu askorbiku. *Metodi analitiċi* [1] Għad-determinazzjoni ta' purità tal-fosfat tal-askorbil tas-sodju u tal-aċidu askorbiku ekwivalenti fl-addittiv tal-għalf: Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja flimkien ma' Individwatur b'Tul ta' Mewġa Varjabbli (VWD). Għall-kwantifikazzjoni tat-total tas-sodju fl-addittiv tal-għalf: — Spettrometrija tal-Assorbiment Atomiku, AAS (EN ISO 6869:2000); jew — Spettrometrija tal-Emissjoni Atomika bi Plażma Akkoppjata Induttivament, ICP-AES (EN 15510:2007). Għall-kwantifikazzjoni tal-monofosfat tal-askorbil fit-taħlitiet lesti minn qabel u fl-għalf: Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja flimkien ma' individwatur tal-UV f'254 nm (HPLC-UV).	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. Il-fosfat tal-askorbil tas-sodju jista' jitqiegħed fis-suq u jintuża bħala addittiv f'għamla ta' preparazzjoni. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel, indika l-kundizzjonijiet tal-ħażna u tal-istabbiltà. 3. Għas-sigurtà: waqt il-manipulazzjoni għandha tintuża protezzjoni għan-nifs.	it-23 ta' Lulju 2025

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf shiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
3a312		"Fosfat tal-askorbil tal-kalċju u tas-sodju" jew "Vitamina Ċ"	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Fosfat tal-askorbil tal-kalċju u tas-sodju. *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Fosfat tal-askorbil tal-kalċju u tas-sodju $C_6H_6O_9P \cdot CaNa$. Fosfat tal-L-askorbil tal-kalċju u tas-sodju f'forma solida manifatturat permezz ta' sinteżi kimika. Kriterji ta' purità: Minimu ta' 95 % b'kontenut minimu ta' 35 % ta' aċidu askorbiku. *Metodi analitiċi* [1] Għad-determinazzjoni ta' purità tal-fosfat tal-askorbil tal-kalċju u tas-sodju u l-aċidu askorbiku ekwivalenti fl-addittiv tal-għalf: Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja flimkien ma' Individwatur b'Tul ta' Mewġa Varjabbli (VWD). Għall-kwantifikazzjoni tat-total tal-kalċju u tat-total tas-sodju fl-addittiv tal-għalf: — Spettrometrija tal-Assorbiment Atomiku, AAS (EN ISO 6869:2000); jew — Spettrometrija tal-Emissjoni Atomika bi Plażma Akkoppjata Induttivament, ICP-AES (EN 15510:2007). Għall-kwantifikazzjoni tal-monofosfat tal-askorbil fit-taħlitiet lesti minn qabel u fl-għalf: Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja flimkien ma' individwatur tal-UV f'254 nm (HPLC-UV).	L-ispeċijiet kollha tal-annimali				1. Il-fosfat tal-askorbil tal-kalċju u tas-sodju jista' jitqiegħed fis-suq u jintuża bħala addittiv f'għamla ta' preparazzjoni. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel, indika l-kundizzjonijiet tal-ħażna u tal-istabbiltà. 3. Għas-sigurtà tal-utent: waqt il-manipulazzjoni għandha tintuża protezzjoni għan-nifs.	it-23 ta' Lulju 2025

[1] Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fuq is-sit li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-Addittivi fl-Għalf: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports.

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Il-kategorija tal-addittivi teknoloġiċi. Grupp Funzjonali "antiossidanti"									
3a300	—	Aċidu askorbiku	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Aċidu askorbiku. *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* aċidu L-askorbiku $C_6H_8O_6$ Nru tal-CAS: 50-81-7 Aċidu L-askorbiku f'forma solida, manifatturat permezz ta' sinteżi kimika. Kriterji ta' purità: minimu ta' 99 % *Metodi analitiċi* [1] Għad-determinazzjoni tal-aċidu L-askorbiku fl-addittiv tal-għalf: titrimetrija — Il-monografija tal-Farmakopea Ewropea (Eur.Ph. 01/2011:0253). Għall-kwantifikazzjoni tal-aċidu L-askorbiku f'taħlitiet lesti minn qabel u fl-għalf: titrimetrija.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-aċidu L-askorbiku jista' jitqiegħed fis-suq u jintuża bħala addittiv magħmul minn preparazzjoni. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv indika l-istabbiltà u l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-kundizzjonijiet tal-ħżin għat-taħlitiet lesti minn qabel. 3. Għas-sigurtà: waqt il-manipulazzjoni għandhom jintlibsu protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sigurtà.	it-23 ta' Lulju 2025
1b301		Askorbat tas-sodju	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Askorbat tas-sodju. *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* L-askorbat tas-sodju. $C_6H_7O_6Na$ Nru tal-CAS: 134-03-2 Il-L-askorbat tas-sodju f'forma solida, manifatturat permezz ta' sinteżi kimika. Kriterji ta' purità: minimu ta' 99 %..	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv indika l-istabbiltà u l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-kundizzjonijiet tal-ħżin għat-taħlitiet lesti minn qabel. 2. Għas-sigurtà: waqt il-manipulazzjoni għandhom jintlibsu protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sigurtà.	it-23 ta' Lulju 2025

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
			Metodi analitiċi [1] Għad-determinazzjoni tal-L-askorbat tas-Sodju fl-addittiv tal-għalf: titrimetrija — Il-monografija tal-Farmakopea Ewropea (Eur.Ph. 01/2011:1791). Għall-kwantifikazzjoni tat-total tas-sodju fl-addittiv tal-għalf: — Spettrometrija tal-Assorbiment Atomiku, AAS (EN ISO 6869:2000); jew — Spettrometrija tal-Emissjoni Atomika bi Plażma Akkoppjata Induttivament, ICP-AES (EN 15510:2007). Għall-kwantifikazzjoni tal-L-askorbat tas-Sodju fit-taħlitiet lesti minn qabel u fl-għalf: titrimetrija.						
1b302		Askorbat tal-kalċju	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Askorbat tal-kalċju. *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Deidrat tal-L-(+)-askorbat tal-kalċju $C_{12}H_{14}O_{12}Ca \cdot 2H_2O$ Nru tal-CAS: 5743-28-2 Id-Deidrat tal-L-(+)-askorbat tal-kalċju, f'forma solida, manifatturat permezz ta' sinteżi kimika. Kriterji ta' purità: minimu ta' 99 %. *Metodi analitiċi* [1] Għad-determinazzjoni tal-L-askorbat tal-Kalċju fl-addittiv tal-għalf: Titrimetrija — Il-monografija tal-Farmakopea Ewropea (Ph. Eur. 01/2008:1182).	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv indika l-istabbiltà u l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-kundizzjonijiet tal-ħżin għat-taħlitiet lesti minn qabel. 2. Għas-sigurtà: waqt il-manipulazzjoni għandhom jintlibsu protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti tas-sigurtà.	it-23 ta' Lulju 2025

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
			Għall-kwantifikazzjoni tat-total tal-kalċju fl-addittiv tal-għalf: — Spettrometrija tal-Assorbiment Atomiku, AAS (EN ISO 6869:2000); jew — Spettrometrija tal-Emissjoni Atomika bi Plażma Akkoppjata Induttivament, ICP-AES (EN 15510:2007). Għall-kwantifikazzjoni tal-L-askorbat tal-Kalċju fit-taħlitiet lesti minn qabel u fl-għalf: titrimetrija.						
1b304		Palmitat tal-askorbil	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Palmitat tal-askorbil *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* 6-Palmitil-L-askorbiku $C_{22}H_{38}O_7$ Nru tal-CAS: 137-66-6 6-Palmitil-L-askorbiku f'forma solida, manifatturata permezz ta' sinteżi kimika. Kriterji ta' purità: minimu ta' 98 %. *Metodu analitiku* [1] Għad-determinazzjoni tas-6-Palmitil-L-askorbiku fl-addittiv tal-għalf: — Titrimetrija — Il-monografija tal-Farmakopea Ewropea (Ph. Eur. 01/2008:0807).	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv indika l-istabbiltà u l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-kundizzjonijiet tal-ħżin għat-taħlitiet lesti minn qabel. 2. Għas-sigurtà waqt il-manipulazzjoni għandhom jintlibsu protezzjoni għan-nifs,nuċċalijiet u ingwanti tas-sigurtà.	it-23 ta' Lulju 2025

[1] Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fuq is-sit li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-Addittivi fl-Għalf: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports